*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 13,597, 27 ta' Marzu, 1979*
*Taqsima C*

# Nru. 103

27. 3. 79

# MALTA

## KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Joseph F. Abela, M.P., Ministru tal-Finanzi, Dwana u Investimenti Finanzjarji tal-Poplu f'isem l-Onorevoli Agatha Barbara, M.P., Ministru tax-Xogħol, Kultura u Għajnuna Soċjali, u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta tas-26 ta' Marzu, 1979.

**ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1957 dwar il-Ħinijiet tax-Xogħol tal-Ħwienet u tal-Bejjiegħa fit-Toroq.**

C. MIFSUD
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

## HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Joseph F. Abela, M.P., Minister of Finance, Customs and People's Financial Investments on behalf of the Honourable Agatha Barbara, M.P., Minister of Labour, Culture and Welfare, and read the First time at the Sitting of the 26th March, 1979.

**AN ACT further to amend the Shops and Hawkers (Business Hours) Act, 1957.**

C. MIFSUD
*Clerk to the House of Representatives*

## ABBOZZ TA' LIĠI

**msejjaħ**

*ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1957 dwar il-Ħinijiet tax-Xogħol tal-Ħwienet u tal-Bejjiegħa fit-Toroq.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej: —

Titolu fil-qosor.

**1.** Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1979 li jemenda l-Att dwar il-Ħinijiet tax-Xogħol tal-Ħwienet u tal-Bejjiegħa fit-Toroq, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1957 dwar il-Ħinijiet tax-Xogħol tal-Ħwienet u tal-Bejjiegħa fit-Toroq, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda ta' l-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali.

**2.** Iż-żewġ provisos għas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali u s-subartikolu (2) ta' l-imsemmi artikolu 6 għandhom jitħassru.

Emenda ta' l-artikolu 12 ta' l-Att prinċipali.

**3.** Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 12 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "ta' l-Ewwel Skeda" għandhom jidħlu l-kliem "ta' l-Iskeda".

Emenda ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali.

**4.** Minflok l-intestatura "L-Ewwel Skeda" li hemm minnufih wara l-artikolu 13 ta' l-Att prinċipali għandha tidħol l-intestatura "Skeda".

5. It-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali għandha titħassar. Tħassir tat-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali.

## Għanijiet u Raġunijiet

L-Għan ta' dan l-Abbozz huwa li jipprovdi għall-projbizzjoni għal kollox tal-ftuħ ta' kjosks tal-petrol fil-Ħdud u fil-btajjel pubbliċi l-oħra.

# A BILL

## entitled

*AN ACT further to amend the Shops and Hawkers (Business Hours) Act, 1957.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows: —

Short title.

1. This Act may be cited as the Shops and Hawkers (Business Hours) (Amendment) Act, 1979, and shall be read and construed as one with the Shops and Hawkers (Business Hours) Act, 1957, hereinafter referred to as "the principal Act".

Amendment of section 6 of the principal Act.

2. The two provisos to subsection (1) of section 6 of the principal Act and subsection (2) of the said section 6 shall be deleted.

Amendment of section 12 of the principal Act.

3. In subsection (1) of section 12 of the principal Act, for the words "of the First Schedule" there shall be substituted the words "of the Schedule".

Amendment of First Schedule to the principal Act.

4. For the heading "First Schedule" immediately after section 13 of the principal Act there shall be substituted the heading "Schedule".

5. The Second Schedule to the principal Act is hereby repealed. Repeal of Second Schedule to the principal Act.

## Objects and Reasons

The Object of this Bill is to provide for the total prohibition of the opening of petrol kiosks on Sundays and other public holidays.

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni — *Published by the Department of Information*
Stampat fl-U.C.S. — Stamperija tal-Gvern — *Printed at the C.O.S. — Government Printing Press*
Prezz 1c — *Price 1c*